# IS-SURMAST, IL-PROFESSUR JOSEPH VELLA (1942 - 2018)



PETER PAUL CIANTAR



Jiena wieħed minn dawk il-ħafna li segwejt bis-sħiħ l-iżvilupp mużikali kontinwu tas-Surmast, il-Professur Joseph Vella, sa mill-bidu tal-karriera tiegħu. Beda billi jkanta u jakkumpanja lilu stess fuq il-pjanu fil-festivals tal-kanzunetti. Kien anke jikkomponi kanzunetti għal kantanti oħra. Jiena persważ li dan kien il-magħmudija tiegħu fil-mużika li żvolġiet f'diversi oqsma mużikali. Is-Surmast Vella kien kbir fil-mużika kontemporanja Maltija. Jaħasra l-mewt ħasditu waqt li kien għad fadallu ħafna x'joffri lill-arti mużikali.

Niftakar meta s-Surmast Joseph Vella ssejjaħ fl-aħħar mumenti biex jidderieġi l-ewwel darba l-Orkestra tal-Manoel. Kien fil-bidu tas-snin sebgħin u dan kien fil-pjazza ta' quddiem il-Katidral l-Imdina, fil-Kunċert tal-Indipendenza. Ftit qabel il-kunċert, is-Surmast Joseph Sammut kellu jidħol l-isptar u riedu lil xi ħadd floku li fl-aħħar mumenti jidderieġi l-kunċert li fost oħrajn kien jinkludi s-Sinfonija Nru. 6 (is-Sinfonija Pastorali) ta' Beethoven. L-għażla waqgħet fuq is-surmast żagħżugħ Joseph Vella.

L-eżekuzzjoni kienet suċċess u dan minkejja li dakinhar kien riħ qawwi u hemm, quddiem il-Katidral l-Imdina, ir-riħ jobrom sewwa. Il-mużiċisti sabu diffikultà kbira biex idoqqu tant li r-riħ li kien qed jonfoħ b'forza qawwija beda jtajjar il-partituri tal-mużiċisti, filwaqt li l-vjolinisti (u strumenti oħra tal-korda) bdew isibuha diffiċli biex jikkontrollaw l-ark... iżda kollox mexa ħarir u s-Surmast Vella ħareġ bl-unuri.

## UKAM

Niftakar sewwa meta l-għaqda tal-kompożituri u awturi Maltin - UKAM - organizzat kunċert fit-Teatru Manoel b'xogħlijiet ta' kompożituri Maltin. Jiena dakinhar kont fil-kumitat u insistejt ħafna li l-UKAM tintrabat ukoll mal-mużika serja u mhux biss mal-kanzunetti Maltin. Din kienet ir-raġuni ta' dan il-kunċert fit-Teatru Nazzjonali; u dakinhar l-orkestra tal-Manoel kienet esegwiet "Three Mood Pieces" ta' Joseph Vella. Dan kien xogħol bikri tiegħu u l-kompożizzjoni ntgħogbot bis-sħiħ. Donnu li dan kien il-bidu tal-entużjażmu tiegħu fil-qasam tal-kompożizzjoni serja.

Niftakar sewwa li din l-istess kompożizzjoni, il-kompożitur innifsu kien għamlilha arranġament għall-banda u ndaqqet ukoll mill-banda li magħha s-Surmast Vella bena wkoll karriera bħala surmast direttur tagħha: il-Banda La Stella tar-Rabat Għawdex. Hawn Vella kompla fejn ħalla missieru, Giovanni Vella. Fil-qasam bandistiku, Vella bena wkoll karriera mal-Banda Konti Ruġġieru. Din il-banda tar-Rabat is-Surmast Vella kien iqisha bħala l-banda tal-lokal għax huwa, flimkien mal-familja, kien joqgħod fi Pjazza San Duminku fir-Rabat (Malta).

Jiena niftakar sewwa lil Vella jtella' u jidderieġi l-operetti ta' Johann Strauss, fosthom "Die Fledermaus." Kienu jittellgħu bis-sehem tal-istudenti ta' St. Michael's Training College u dan kien isir bħala parti mit-taħriġ tagħhom ta' għalliema. Dawn l-operetti kienu ta' attrazzjoni kbira u s-sala kienet timtela f'kull okkażjoni. Is-Surmast Vella kien il-mutur wara dawn l-eżekuzzjonijiet.

## CARMINA BURANA

Fost id-diversi xogħlijiet mużikali li introduċa f'pajjiżna s-Surmast Vella niftakar sewwa l-famuża cantata "Carmina Burana" ta' Carl Orff. Ftit kienu dawk li semgħu b'din il-cantata qabel u meta tkantat għall-ewwel darba f'pajjiżna, l-udjenza fit-teatru mtliet bl-entużjażmu, tant li bdiet iċċapċap wara kull silta. Kellu jkun is-Surmast Vella stess li talab lill-udjenza biex jekk kellhom japplawdu, jagħmlu dan biss fl-aħħar.

Niftakar sewwa lil D'Amato tad-diski tal-Belt jgħidli kemm biegħ LPs ta' din il-Cantata ta' Orff li t-tieni parti tagħha kienet ukoll is-sigla tad-Dar tas-Soru, sensiela drammatika televiżiva ta' Television Malta b'kitba ta' Francis Ebejer. Dan tant ħa grazzja ma' din il-cantata li ma falliex rappreżentazzjoni waħda.

Meta l-Mużew tal-Katidral tal-Imdina nfetaħ għall-istudjużi u r-riċerkaturi, niftakar sewwa lis-Surmast Vella jgħidli dwar is-sbuħija kbira tal-mużika antika li hemm f'dan il-mużew. Huwa nnfisu ta xhieda ta' dan u esegwixxa xi xogħlijiet li l-oriġini tagħhom kienu fil-Mużew tal-Katidral.

Niftakar sewwa meta huwa, bħala Kap tal-iskola tal-Mużika, kien qalli li kellu l-ħsieb li jagħmel l-opra "Cendrillon" ta' Nicolò Isouard, bil-parteċipazzjoni tal-istudenti tal-iskola. U rnexxielu u rajna din l-opra ta' Isouard fit-Teatru Manoel.

Niftakar sewwa meta l-Banda King's Own tal-Belt talbitu biex jikkomponi marċ għall-Festa ta' San Duminku. Is-Surmast Vella għaddielhom il-partitura mil-lum għall-għada. Tgħidx kemm kien inkwieta missieru li għamel hekk għax deherlu li ibnu kellu jżomm il-partitura u jibqa' jirfinaha sal-aħħar. Mur għidlu lil Giovanni li dan il-marċ tas-Surmast Vella kien wieħed mill-isbaħ marċi tal-librett!

## IT-TEATRU ASTRA

Niftakru wkoll lis-Surmast Vella jibda fil-qasam tad-direzzjoni fl-opra. L-ewwel opri li dderieġa kienu "Rigoletto" ta' Verdi u "Barbiere di Siviglia" ta' Rossini. Dawn kienu l-ewwel żewġ opri li dehru għat-Teatru Astra tar-Rabat Għawdex. Is-Surmast Vella baqa' jidderieġi l-opri f'dan it-teatru tul il-kumplament tal-karriera tiegħu. U ngħiduha kif inhi, għal Għawdex introduċa ħafna affarijiet mużikali sbieħ... għax hemm kien iħossu f'daru; wara kollox kien Għawdxi ta' San Ġorġ.

Jiena ma nafx... iżda ngħid li donnu s-Surmast Vella ħass li wasal lejn it-tmiem tiegħu, għalkemm kien għadu mimli enerġija ta' żagħżugħ. Ftit sigħat biss qabel ma ħalliena, huwa ħalla parti minnu - l-arkivju mużikali tiegħu lill-Mużew Il-ĦAĠAR.

B'xorti tajba, ħafna mill-mużika tiegħu hija rreġistrata fuq CDs tassew professjonali u esegwita taħt id-direzzjoni tiegħu stess. Minn kollox ikkompona , iżda kien jonqos biss ħaġa waħda... l-opra. Is-Surmast Joseph Vella kien beda fuq din ix-xewqa tiegħu... lesta l-ewwel u t-tieni att tagħha u beda t-tielet att. Kien għaddej fuqha kważi lejl u nhar jirreġistra l-ħsibijiet mużikali tiegħu fuq partitura għall-pjanu. X'taħsbu li kien is-suġġett? Għawdex, il-gżira li tant ħabb u fejn indifen fil-qabar tal-familja.

